MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 418/2003

**HSBC Bank Malta plc**

VS

**Dreamland Bedding Co Limited**
**u Dreamland Construction Co Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta’ attrici ppremettiet illi in forza ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Alexander Sciberras Trigona ta’ l-24 ta’ Gunju, 1985, hawn anness u mmarkat bhala Dok “A”, il-Bank attur avvanza facilita’ bankarja konsisenti f’”overdraft” lis-socjeta’ konvenuta Dreamland Bedding Company Limited, fl-ammont ta’ LM56,756.61 (sitta u hamsin elf seba’ mija sitta u hamsin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu);

Ippremetta li in forza ta’ l-att ezebit bhala Dok “A” is-socjeta’ Dreamland Construction Company Limited ikkostitwiet ruhha garanti solidali mas-socjeta’ konvenuta Dreamland Bedding Company Limited ghall-obbligazzjonijiet ta’ l-imsemmija socjeta’ debitrici, inkluz il-hlas tas-somma avvanzata u l-hlas ta’ l-interessi, liema garanzija hija sogettata ghall-kundizzjonijiet elenkati fil-“Guarantee Form” hawn anness u mmarkat bhala Dok “B”;

Ippremetta li l-kont tas-socjeta’ konvenuta Dreamland Bedding Company Limited huwa passiv fis-somma ta’ LM61,259.82 (wiehed u sittin elf mitejn u disgha u hamsin Lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu) rapprezentanti in kwantu ghal LM56,756.61 (sitta u hamsin elf seba’ mija sitta u hamsin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu) somma kapitali, u in kwantu ghal LM4,503.21 (erbat elef hames mija u tlett Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu) rapprezentanti interessi akkumulati bir-rata ta’ 8% fis-sena sad-data tal-25 ta’ Marzu, 2003, skond il-prospett hawn anness u mmarkat bhala Dok “C”;

Ippremetta li l-bank attur u l-konvenuti fthemu li semplici avviz bil-miktub huwa bizejjed biex is-socjeta’ konvenuta Dreamland Bedding Company Limited tintalab tirrifondi l-ammonti kollha dovuti lill-Bank attur, inkluz l-interessi, u biex is-socjeta' garanti Dreamland Construction Company Limited, solidament, jintalbu jimplementaw l-obbligi taghhom versu l-Bank attur inkluz il-hlas tas-somma avvanzata lis-socjeta’ Dreamland Bedding Company Limited u l-interessi li ddekorrew fuqha;

Ippremetta li l-istess socjeta’ konvenuta Dreamland Bedding Company Limited, bhala debitur principali, u l-garanti solidali Dreamland Construction Company Limited gew interpellati permezz ta’ ittri ufficjali ddatati 10 ta’ Lulju, 2002 (kopji hawn annessi u mmarkati Dok “D” u “E” rispettivament) biex ihallsu lill-Bank attur l-ammonti minnhom dovuti izda baqghu inadempjenti;

Ippremetta li d-dejn tal-konvenuti fil-konfront tal-Bank attur huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-Bank attur il-

konvenuti m'ghandhom l-ebda eccezzjoni valida x'jaghtu kontra din l-azzjoni;

Ippremetta illi ghall-finijiet ta' l-artikolu mija u sebgha u sittin (167) et sequitur tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) qieghed jigi hawn anness Affidavit tar-rapprezentant tal-Bank attur nomine u mmarkat bhala Dok "F";

Talab ghalhekk biex l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

i) tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili; u
ii) tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Dreamland Bedding Company Limited, bhala debitur principali, u l-garanti solidali Dreamland Construction Company Limited ihallsu lill-Bank attur s-somma ta' Lm61,259.82 (wiehed u sittin elf mitejn u disgha u hamsin Lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu) rapprezentanti in kwantu ghal LM56,756.61 (sitta u hamsin elf seba' mija sitta u hamsin Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu) somma kapitali, u in kwantu ghal LM4,503.21 (erbat elef hames mija u tlett Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu) rapprezentanti interessi akkumulati bir-rata ta' 8% sad-data tal-25 ta' Marzu, 2003, oltre l-imghax fuq is-somma kapitali ta' LM 56,756.61 (sitta u hamsin elf seba' mija sitta u hamsin Lira Maltin u wiehed u sittin centezmu) bir-rata ta' 8% fis-sena mis-26 ta' Marzu, 2003 sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------